**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 230/2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Lianne Bonello)**

**-Vs-**

**MATTHEW AZZOPARDI**

**Illum, 15 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **MATTHEW AZZOPARDI**, iben Edmond u Esmeralda Azzopardi, imwieled l-Ingilterra nhar is-7 ta' Lulju 1978, residenti 3, Triq ir-Rixtellu, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' 594178M, li tressaq quddiemha akkużat talli f'dawn il-gżejjer, bejn Frar 2019 u Diċembru 2019, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fil-kapaċita' tiegħu ta' surġent tal-Pulizija bin-numru tas-servizz PC 328:

1. Irrendejt ruhek kompliċi ta' frodi billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaga b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, għamilt qligħ bi ħsara ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) iżda anqas minn ħames elef euro (€5000), għad-dannu ta' Transport Malta u/jew Infrastructure Malta u/jew l-Korp tal-Pulizija u /jew entitajiet oħra;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bi ħsara ta' ħaddieħor, irrendejt ruħek kompliċi ta' frodi nnominata billi għamilt xi qligħ b'qerq ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) iżda anqas minn ħamest elef euro (€5000) ghad -dannu tal-istess entitajiet;

3. Irrendejt ruħek kompliċi fl-għoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew tagħrif falz lil Awtorita' Pubblika, kif ukoll kompliċi fl-użu tal-istess dikjarazzjonijiet foloz;

4. U aktar talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, sirt ħati ta' reat li kellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħek kellek id-dmir li timpedixxi;

Il- Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijjiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll biex skond dak li hemm maħsub fl-Artikolu 190 ta' Kap 9, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, l-Qorti għandha tordna l-interdizzjoni ġenerali perpetwa minħabba l-fatt li l-imputat kien uffiċjal pubbliku meta wettaq ir-reati li qed jiġi akkużat bihom.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att konta l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal- Liġijiet ta' Malta hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront taż-żewg imputati .

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali taħt l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-każ jinstema' bil-proċedura sommarja[1];

Rat id-digriet tagħha mogħti fis-6 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu ordnat il-ħruġ fil-konfront tal-imputat ta' Ordni ta' Sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-assi kollha li jkunu dovuti jew ikunu jmissu lill-imputat jew li jkunu proprjeta' tiegħu sa valur ta' €2,022.11 u dan b'referenza għall-assi sitwati sija f'Malta u sija barra minn Malta u pprojibixxiet ukoll lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'raha, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi mill-proprjeta' tiegħu mobbli, jew immobbli, sitwata f'Malta jew barra minn Malta u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kopja taċ-ċedola tad-depożitu bin-numru 1033/2022 ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha l-imputat iddepożita s-somma ta' €2,022.11, rappreżentanti l-ammont li ġie indikat lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija bħala perċepita minnu illegament, taħt l-awtorita' tal-Qorti;

Rat ir-rapporti pprezentati minn Alvin Cardona, l-espert nominat fl-Inkjesta Maġisterjali kif ukoll il-hard drive Dok. AC1 bl-estrazzjoni ta' data diġitali minn diversi devices fosthom mobile phone elevat mill-pussess tal-imputat Matthew Azzopardi, materjalment esebit fl-atti;

[1] Xhieda tal-Ispettur Lianne Bonello, Dok. LB1 datat 6 ta' Lulju 2020.

Rat ir-relazzjoni tal-P.L. Quentin Tanti, l-espert nominat fl-Inkjesta Maġisterjali, Dok. QT1;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat mill-Prosekuzzjoni fit-23 ta' Ottubru 2023 kif awtorizzat bid-digriet tals-17 ta' Lulju 2023 u b'digriet ieħor tat-28 ta' Settembru 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat mid-difiża fl-10 ta' Jannar 2024, kif awtorizzat fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023 u b'digriet ieħor tat-3 ta' Jannar 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat huwa mixli b'kompliċita' fir-reati ta' frodi taħt l-artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali u fir-reat taħt l-artikolu 188 tal-istess Kodiċi.

Mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur jirriżulta illi l-akkużi fil-konfront tal-imputat nibtu minn investigazzjoni li saret mill-Pulizija mill-Iskwadra kontra l-Frodi u l-Iskwadra kontra l-Ħasil tal-Flus dwar allegazzjonijiet li saru b'mod anonimu fil-konfront ta' diversi uffiċjali tal-Pulizija tas-Sezzjoni tat-Traffiku in konnessjoni ma' serq ta' fuel, skartar fuq il-post tax-xogħol, towing ta' dgħajjes fuq l-idejn u ħlas ta' *protection money*. Madankollu, il-Qorti fehmet li l-investigazzjoni ffokat b'mod ewlieni fuq allegat skartar fuq il-post tax-xogħol minn uffiċjali tal-Pulizija fis-Sezzjoni tat-Traffiku li kienu jiġu allokati *voluntary extra duty*. Fil-fatt, l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Lianne Bonello xehdet illi għajr għal irregolaritajiet konnessi mal-*voluntary extra duty* maħdum fuq talba ta' Transport Malta, mill-investigazzjonijiet ma

riskontrat ebda provi dwar l-involviment tal-imputat Matthew Azzopardi f'irregolaritajiet oħrajn.

Illi mill-atti u l-provi proċesswali l-Qorti fehmet illi l-*voluntary extra duty* jikkonsisti fil-prestazzjoni ta' servizz ta' uffiċjal tal-Pulizija li jkun offra li jagħmel doveri żejda, liema servizz jingħata fuq talba ta' individwu jew korp[2], versu ħlas għal dan is-servizz lill-Korp tal-Pulizija abbażi ta' rati miftiehma. Imbagħad, l-uffiċjal tal-Pulizija li jiġi assenjat jagħmel dawn id-doveri mill-Korp tal-Pulizija, jitħallas mill-Korp skont ir-rati stabbiliti.

Il-Prosekuzzjoni ssejjes il-każ tagħha fuq l-allegazzjoni illi l-imputat, li fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati bejn Frar 2019 u Diċembru 2019, kien uffiċjal tal-Pulizija fil-grad ta' kuntistabbli bin-numru 328, kien parteċipi f'komplott organizzat u maħdum minn diversi uffiċjali tal-Pulizija fis-Sezzjoni tat-Traffiku, biex b'qerq u permezz ta' dikjarazzjonijiet invertieri, jinkiseb ħlas indebitu għal servizzi ta' *voluntary extra duty* meta effettivament, dawn l-*extra duties* ma jkunux inħadmu mill-uffiċjal tal-Pulizija li jkun ġie dettaljat jaħdimhom, kompriż l-imputat odjern. Skont il-Prosekuzzjoni, fit-twettiq tar-reati addebitati lilu, l-imputat Matthew Azzopardi kien qed jaġixxi b'kompliċita' ma' diversi uffiċjali tal-Pulizija fit-Taqsima tat-Traffiku li kienu jaħdmu *voluntary extra duty*, senjatament fejn dan l-*extra duty* kien isir fuq talba ta' Trasport Malta fiż-żmien tal-proġett tal-bini tal-flyovers tal-Marsa u proġetti anċillari li kienu qed jitwettqu minn Infrastructure Malta. Ġie identifikat PS 1437 Norman Xuereb bħala l-persuna li kien imexxi din is-sistema għaliex kien hu li kien jiltaqa' mal-uffiċjali ta' Transport Malta u Infrastructure Malta minħabba ħlasijiet[3].

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li mill-investigazzjonijiet li saru fir-rigward, jirriżulta li l-imputat diversi drabi ma kienx jinsab fiż-żona allokata skont id-*detail* tal-*extra duty* ċioe, fuq il-post tax-xogħol fejn kellu jkun stazzjonat fuq talba tal-persuna jew entita'

[2] Li mhux il-Korp tal-Pulizija nnifsu.
[3] Ara xhieda tal-Ispettur Bernard Bunce, 19 ta' Ottubru 2020.

li tkun talbet għal servizz ta' uffiċjal tal-Pulizija, iżda kien jiċċaqlaq minn lokalita' għal oħra u ta' sikwit ukoll jirriżulta li kien jinstab fil-lokalita' tar-residenza tiegħu[4].

Ġie allegat ukoll li l-imputat kien jaħdem *extra duty* waqt il-ħin tax-*shifts* normali tax-xogħol u kien jirċievi huwa stess il-ħlas għall-*extra duty*, minkejja l-fatt illi f'każijiet fejn l-*extra duty* kien jinħadem waqt il-ħin normali tax-xogħol għaliex ma jkunx hemm biżżejjed uffiċjali tal-Pulizija li joffru jagħmlu *extra duty*, il-ħlas magħmul mill-entita' li tkun talbet għas-servizz, kellu jibqa' għand il-Korp tal-Pulizija[5].

L-Ispettur Bernard Bunce xehed[6] illi kien ġie allegat illi:-

"*... waqt il-ħin tax-xogħol, il-Pulizija li kienu xogħol qed ilaħħqu lill-Pulizija li ma kienux xogħol u li suppost kienu qegħdin l-extra* (duty) *u viċi versa. Iġifieri jekk kien hemm shift fil-għodu xogħol, kien qed ilaħħaq l-extra* (duty) ... *li qed issir fil-għodu, ta' sħabhom li suppost kienu xogħol fil-għodu, u bil-kontra meta jispiċċaw mix-xogħol u jmorru għall-extra* (duty)*, min kien jidħol xogħol wara nofsinhar kien qed ilaħħaq l-extra tagħhom. Kien identifikat is-surġent 1437 Norman Xuereb bħala qisu l-persuna li kien qed jieħu ħsieb din il-prassi...*"

Fix-xhieda tagħha l-Ispettur Lianne Bonello, l-Uffiċjal Prosekutur, fissret illi hija wettqet eżerċizzju ta' tqabbil bejn il-ħlasijiet li kienu saru mill-Korp tal-Pulizija lill-imputat Matthew Azzopardi għal xogħol konsistenti f'*extra duty*, id-dokumenti bid-*details* relattivi, il-lokalizzazzjoni ġeografika tad-data ċellulari mill-mobile phone tal-imputat u l-mutur assenjat lilu (GVP 718) skont kif jirriżulta mill-*call profiles* relattivi[7], u d-*data track records* tal-mutur, rispettivament, fid-dati u l-ħinijiet meta suppost kien qed iwettaq l-*extra duty* kif dettaljat lilu. Xehdet illi minn dan l-eżerċizzju irriżulta li l-imputat kien qiegħed jitħallas għal *extra duty* meta ma kienx

[4] Ma jirriżultax bi preċiżjoni mil-atti u l-provi l-post tar-residenza tal-imputat.
[5] Ara xhieda tal-Ispettur Bernard Bunce, 19 ta' Ottubru 2020.
[6] Xhieda tad-19 ta' Ottubru 2020.
[7] Numru tal-mobile 99000328 (ara xhieda ta' Charmaine Zammit, rappreżentant ta' Vodafone Malta Ltd, tal-14 ta' Settembru 2020) u numru tal-mobile 79541128 (ara xhieda ta' Dr. Anthony Bonnici rappreżentant Go plc, 19 ta' Ottubru 2020).

ikun jinsab fil-post fejn kellu jkun stazzjonat skont id-*detail*, iżda fi bnadi li ma kellhomx x'jaqsmu mal-*extra duty* li jkun ġie dettaljat lilu. Ippreċiżat ukoll illi l-akkużi dwar ir-reat ta' frodi ġew ċirkoskritti speċifikatament għal dawk l-istanzi ta' ħlas perċepit mill-imputat fejn id-data ċellulari turi illi huwa kien jinsab f'pożizzjoni ġeografika differenti mil-lokalita' speċifikata fid-detail tal-*voluntary extra duty* u fejn baqa' ma pprovdiex ġustifikazzjoni għad-diskrepanzi riskontrati, liema diskrepanzi jinsabu elenkati f'Dok. LB5, identifikati bil-kulur. It-total tal-pagamenti li skont il-Prosekuzzjoni l-imputat irċieva b'riżultat tal-qerq minnu perpetrat, huwa fis-somma ta' €2,020,11[8]. Xehdet ukoll in kontro-eżami[9] li l-*invoices* li ġew ippreżentati għall-ħlas lill-klienti li talbu għas-servizz ta' uffiċjal tal-Pulizija abbażi ta' *extra duty*, ġew iffirmati mhux mill-imputat Matthew Azzopardi iżda minn Norman Xuereb.

L-imputat, fl-istqarrijiet rilaxxati minnu meta kien interrogat fl-24 ta' Frar 2020 u fit-13 ta' Mejju 2020[10], iddikjara li huwa kien jagħmel użu min-numru telefoniku 79541128 iżda ma kienx għadu jeżisti[11], kif ukoll in-numri 99000328 u 99750139. Spjega wkoll li kien jirċievi d-*detail* b'email mingħand id-*detail officer* Alexandra Galea Sillato u kien jaħdem l-*extra duty* li kien jiġi allokat lilu. Madankollu, kien talabha biex ma tibqax tassenjalu iktar *extra duty* għaliex ma riedx ikompli jaħdem dan ix-xogħol żejjed. Il-ħlasijiet tal-*extra duty* kien jirċevihom diversi xhur wara li jkun sar ix-xogħol u qatt ma rċieva ħlasijiet f'paga li dehru li kienu eċċessivi għall-ammont ta' xogħol li kien jaħdem. Fisser ukoll illi waqt l-*extra duty* li kien jaħdem għal Transport Malta ma kienx ikun *fixed point* ('*tal-post*') iżda kien ikun '*roaming*', ċioe' idur maż-żona bil-mutur u spjega illi l-iskop ta' mutur hu biex jista' jiċċaqlaq skont l-esiġenzi tat-traffiku u ma jkunx statiku. Fil-fatt, kellu struzzjonijiet biex

---

[8] Dok. LB5.

[9] Xhieda tat-2 ta' Mejju 2023.

[10] Dok. LB10.

[11] Għandu jingħad li mix-xhieda ta' Dr. Anthony Bonnici u Dok. AB1, jirriżulta illi n-numru 79541128, allegatament użat mill-imputat, huwa reġistrat f'isem ċertu Jennifer Muscat. Il-Prosekuzzjoni, rinfaċċjata b'dan il-fatt kif ukoll bl-istqarrija tal-imputat fejn iddikjara li dan in-numru ma kienx għadu jeżisti, naqset milli tressaq provi biżżejjed biex jiġi stabbilit ness konklussiv bejn dan in-numru u l-imputat Matthew Azzopardi jew bejn l-imputat u Jennifer Muscat. Għaldaqstant, il-Qorti ma tħossx li tista' tagħti affidabbilita' lill-call profile data imnissla min-numru 79541128 – Dok. AB1.

jiżgura li ż-żona tibqa' ħielsa minn akkumulazzjoni ta' traffiku, iżda qatt ma abbanduna ż-żona dettaljata lilu bħala *extra duty*.

L-imputat stqarr ukoll illi meta l-*localisation* tad-data ċellulari tiegħu kienet timmarka li kien jinsab fiż-żona ta' Ħal Tarxien, huwa spjega li dik il-lokalita' kienet iżżomm ħafna traffiku. Stqarr illi fl-okkażjonijiet li kien jidher fil-lokalita' tal-Isptar Mater Dei dan kien għaliex kien imur iżur lil missieru li kien għamel erba' xhur l-Isptar u ġie li kien imur Paris Garage waqt il-ħin tax-xogħol. Fir-rigward tal-*extra duty* dettaljat lilu fit-8 ta' Awwissu 2019, l-imputat stqarr li ma kienx xogħol dakinhar u ma kienx ħadem *extra duty*, filwaqt illi fis-17 ta' Settembru 2019 meta kien dettaljat biex ikun *fixed point* mat-traffic lights tal-Marsa, qal li kienu jkunu żewġ uffiċjali tal-Pulizija, wieħed *fixed point* u l-ieħor idur maż-żona skont il-ħtiġiet tat-traffiku għaliex l-ordnijiet kienu li ma jkun hemm ebda żona mwaħħla bit-traffiku. L-istess fir-rigward tal-*extra duty* tal-14 ta' Novembru 2019 fejn skont id-*detail* kien xogħol 'extra duty TM Marsa' u għalhekk kien *roaming* fl-akkwati. Ċaħad kien jagħmel xogħol *extra duty* waqt il-ħin tax-xogħol.

Ikkunsidrat;

L-imputat huwa mixli bir-reat ta' truffa, taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** *li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bill-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App.*

*Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140).*

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qiegħed jikkometti ir-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Dawn il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu impjegati biex jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għa telf patrimonjali.

Dwar l-artifizzji intqal[12] illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza in materja. Per eżempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza **Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech** (03.01.1896 – Kollez.XV.350) intqal illi "*quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.*"

Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' '*raggiri o artifizi*' – dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[13].

---

[12] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020

[13] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-*dolo* ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu.

Fir-rigward ingħad:-

"*... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*"[14]

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Il-Prosekuzzjoni qieghda tippretendi li l-ħlasijiet perċepiti mill-imputat għall-*extra duties* identifikati minnha f'Dok. LB5 fejn l-imputat allegatament kien lokalizzat f'xi ħin jew ieħor f'postijiet mhux konnessi mad-*detail* relattiv, inkisbu b'riżultat ta' qerq u frodi għaliex l-imputat ma kienx tassew ħadem id-*detail* skont l-istruzzjonijiet mogħtija.

Il-Qorti semgħet ix-xhieda u fliet id-dokumenti kollha konsistenti fil-localisation data tal-mobile phone tal-imputat u tal-mutur assenjati lilu GVP-718 u qabblithom mal-*extra duties* li ħadem l-imputat bejn Frar 2019 u Diċembru 2019 li ġew identifikati mill-Ispettur Lianne Bonello u l-Ispettur Timothy Zammit f'Dok. LB5 bħala *extra duties* li l-imputat ġie mħallas dwarhom abbażi ta' dikjarazzjoni falza u b'riżultat ta' qerq.  Iżda meta jiġi applikat l-insenjament dwar ir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 għall-fatti li joħorġu mill-provi li li tressqu mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta illi

[14] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, *ibid*.

l-Prosekuzzjoni naqset għal kollox milli tressaq prova kif imiss tal-frodi perpetrat mill-imputat, ossia r-raġġiri u manuvri li ġew impjegati minnu biex jipperswadi lil ħaddieħor jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li minħabba fiha sofra telf bi qligħ korrispondenti għalih.

Jekk skont il-Prosekuzzjoni – għaliex fis-sottomissjonijiet tagħha naqset milli tfisser x'hiex jikkonsistu l-artifizzji li ntużaw għall-perpretazzjoni tal-frodi – dawn il-manuvri intiżi għall-ingann tal-vittma jikkonsistu fid-dokument tad-*detail* u jew fil-ħruġ tal-invoices[15] fejn il-Korp tal-Pulizija talab il-ħlas ta' servizzi li forsi mhux dejjem ingħataw b'mod sħiħ jew ġew imwettqa skupolożament skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-klient, dan mhux biżżejjed biex jikkostitwixxi l-apparat estern li huwa meħtieġ bħala element essenzjali tar-reat ta' truffa. Ibda biex minn eżami tal-provi proċesswali ma jirriżultax illi l-fatturi għall-ħlas tas-servizz ta' *extra duty* rikjesti mill-klienti, fosthom Infrastructure Malta u Transport Malta, inħarġu mill-imputat u jew ġew iffirmati minnu u jirriżulta wkoll illi d-dokument tad-*detail* kien jinħareġ minn PS 83 Alexandra Galea Sillato. Huwa minnu illi kif ingħad, l-imputat waqt il-ħin tal-*extra duty* mhux dejjem kien jinsab fil-post fejn kellu jkun stazzjonat skont id-*detail*, jew kellu jkun xogħol '*first watch*' għal ftit ħin mill-ħin li jkun ġie allokat għall-*extra duty*, iżda m'hemm ebda prova kwalsiasi fil-proċess illi l-imputat kien f'konfoffa biex jonqos mid-doveri tiegħu, ma' min kien inkarigat bil-proċess tal-ħruġ tad-*detail* jew l-invoices għall-ħlas tal-*extra duty* lill-klienti.

B'mod speċifiku jingħad illi ma nġabitx prova li kien hemm xi komunikazzjoni u kuntatt bejn l-imputat u Norman Xuereb, l-allegat moħħ wara din il-konfoffa, fir-rigward tal-mod kif ikun ġie assenjat jew ikun inħadem l-*extra duty* tiegħu, wisq anqas xi prova li l-imputat ingħata xi istruzzjonijiet biex ma jirrapportax għax-xogħol, jaqdi doveri ta' *extra duty* waqt il-ħin normali tax-xogħol, jew jaqdi dmirijiet oħrajn mhux relatati mad-detail tal-*extra duty* allokat lilu matul il-ħin tal-*extra duty* (fejn qed jiġi allegat li l-imputat ma kienx fuq il-post indikat skont id-*detail*).

[15] Ara invoices formanti parti minn Dok. LB5.

Għalkemm saru diversi allegazzjonijiet mill-Prosekuzzjoni fil-kors tal-proċeduri odjerni, fosthom li l-uffiċjali tal-Pulizija fis-Sezzjoni tat-Traffiku li kienu jkunu xogħol kienu jaħdmu l-*extra duties* tal-kollegi tagħhom minflokhom, ma nġiebu ebda provi konkreti u konklussivi in sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet, wisq inqas provi li jekk dan tassew kien iseħħ, kien frott ta' konfoffa li kien involut fih l-imputat odjern. Il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni huma fjakki wisq biex isawru f'moħħ il-Qorti l-konvinċiment illi l-imputat kien parti minn skema maħsuba biex tqarraq lill-Korp tal-Pulizija jew lill-klient li jkun talab is-servizzi tal-Pulizija fuq bażi ta' *extra duty*, billi tingħata informazzjoni falza intiża biex tiżvija jew tipperswadi lil dak li jkun biex iħallas għal servizz li fir-realta' ma kienx qed jingħata mill-imputat u jew minn xi uffiċjali oħrajn tal-Pulizija mit-Taqsima tat-Traffiku.

Għaldaqstant, hi nieqsa l-prova ta' xi komplott jew ko-ordinazzjoni bejn l-imputat u terzi biex iqarrqu bil-Korp tal-Pulizija jew il-klienti li talbu għas-servizz ta' *extra duty*, u biex jagħmlu qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor. Għall-Qorti dan kollu jfisser li l-kompliċita' asserita mill-Prosekuzzjoni m'hijiex ippruvata.

Il-Qorti żżid tgħid ukoll illi l-fatt li seta' kien skarta waqt il-ħin ta' *extra duty*, jista' jfisser biss illi l-imputat minflok wettaq dmirijietu, baqa' passiv, iżda żgur ma jfissirx li b'daqshekk ħoloq xi messa in xena biex jinganna lill-Korp tal-Pulizija u jew lill-klient, biex jemmnu li s-servizz kien qed jiġi prestat, jew għamel użu minn raġġiri jew artifizji li skont il-ġurisrudenza paċifika in materja, jikkostitwixxu element materjali tar-reat ta' truffa li mingħajr prova dwaru ma tistax tinstab ħtija. Fil-każ in diżamina, il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi u dokumenti kollha proċesswali, ma riskontrat imkien xi prova illi l-imputat asserixxa xi ħaġa falza u wkoll għamel xi azzjoni maħsuba biex din il-falzita' tingħata xejra ta' leġitimita'.

B'mod speċifiku, ma jirriżultax illi l-imputat kien jiffirma *time sheet* jew dokument ieħor b'indikazzjoni qarrieqa jew falza tal-ħin li jkun irrapporta fuq is-sit tal-*extra duty*, u l-ħin li jkun telaq minn fuq il-post jew ma baqax iwettaq dmirijiet ta' *extra duty*, u li abbażi ta' dokument bħal dan, jinħareġ l-invoice għall-ħlas tal-*extra duty*.

Kif ingħad qabel, id-dokument tad-*detail* tal-*extra duties* tas-Sezzjoni tat-Traffiku kien jinħadem mis-Surġent Alexandra Galea Sillato mingħajr prova li l-imputat kellu xi involviment fil-proċess tat-tħejjija ta' dan id-dokument jew fl-allokazzjoni tal-*extra duties* waqt il-ħin tax-*shift* normali[16]. Jirriżulta wkoll illi l-invoice għall-ħlas kienet tintbagħat minn PS 1437 Norman Xuereb[17] wara l-prestazzjoni tas-servizz tal-*extra duty*, u ma saritx prova li f'dan kollu Norman Xuereb aġixxa bix-xjenza pożittiva li l-imputat ma kienx tassew ħadem il-ħin kollu tal-*extra duty* dettaljat lilu, jew abbażi ta' xi konfoffa bejn l-imputat u l-imsemmi Norman Xuereb.

Il-fatt waħdu li l-imputat seta' naqas milli jirrapporta fuq il-post speċifikat għall-fini ta' *extra duty* puntwalment jew għall-ħin kollu allokat għall-*extra duty*, m'huwiex biżżejjed mingħajr ukoll prova tal-użu ta' apparat estern li jipperswadi lill-vittma tar-reat jemmen li ma kien hemm ebda nuqqas. Kif diġa' ngħad, ma kienx l-imputat il-persuna inkarigata bil-ħruġ tad-*detail* u jew tal-fatturi għall-ħlas tal-*extra duty*, u fin-nuqqas ta' xi prova oħra li torbtu mal-ħruġ ta' dawn id-dokumenti in konnessjoni ma' servizz li seta' ma ngħatax kif mistenni, jew prova oħra li turi li l-imputat kien miftiehem mal-persuna li ħarġet dawn id-dokumenti biex ma jwettaqx id-*detail* tax-*shift* jew tal-*extra duty* skont kif imiss[18], jonqos l-element tal-ingann kif ukoll l-element tal-messa in xena bl-użu ta' apparat estern.

Ikkunsidrat;

Illi b'mod ġenerali, għandu jingħad illi ma ġie riskontrat ebda prova illi l-imputat għamel il-ħin **<u>kollu</u>** ta' *extra duty* partikolari f'post differenti minn dak speċifikat fid-

---

[16] Fil-fatt, din l-ipotesi hi eskluża mix-xhieda ta' Alexandra Galea Sillato.

[17] Mix-xhieda ta' Frederick Azzopardi u xhieda oħra, jirriżulta li PS 1437 Norman Xuereb li kien in-ness bejn il-klient u l-Pulizija li kienu jipprovdu s-servizz tal-*extra duty*.

[18] Huwa minnu li PS 83 Alexandra Galea Sillato xehdet illi hija kienet titħallas għal xogħol ta' extra duty minkejja l-fatt li ma kienetx tirrapporta fiżikament fuq il-post speċifikat skont id-detail skont struzzjonijiet mogħtija lilha minn PS 1437 Norman Xuereb, ma jirriżultax li dan l-arranġament sar ukoll fil-każ tal-imputat odjern u ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li jistabbilixxi illi l-imputat kien jingħata struzzjonijiet minn terzi biex ma jirrapportax għall-*extra duty*.

*detail*, għajr għall-*extra duties* tat-8 ta' Awwissu 2019[19]; 23 ta' Frar 2019[20]; 21 ta' Marzu 2019[21]; 22 ta' Marzu 2019[22]; 9 ta' Mejju 2019[23] u 9 ta' Lulju 2019[24].

Fir-rigward tal-*extra duty* tal-24 ta' Marzu 2019, ukoll identifikat speċifikatament mill-Prosekuzzjoni f'Dok. LB5 bħala istanza fejn l-imputat għamel qligħ b'qerq, il-Qorti tosserva illi filwaqt li fid-dokument tad-*detail* tal-istess data l-imputat jidher li ġie allokat *extra duty* deskritt bħala '*Mscala – Edwin Races*' iżda mill-*localisaton* tal-*call profile* jirriżulta li kien jinsab San Pawl fil-ħin relevanti, ir-rapport tal-pagamenti perċepiti mill-imputat għal *extra duties* (Dok. MF1[25]) juri li l-imputat ġie mħallas is-somma ta' €52.47 għal *extra duty* '*MFA – GOLD SANDS*'. Dan ifisser mhux biss li l-imputat jidher li kien tassew fl-akkwati tal-post indikat għall-fini tal-*extra duty*, iżda wkoll li kien hemm bdil fid-*detail* li nħareġ b'mod uffiċjali talanqas in kwantu l-*extra duty* allokat lill-imputat. Dan jikkonforta x-xhieda tad-*detail officer* Alexandra Galea Sillato, li spjegat illi meta d-*detail* ikollu jinbidel fl-aħħar mumenti mhux dejjem id-detail bl-aġġornamenti relattivi kien jintbagħa ukoll lill-Control Room tal-Pulizija.

Kif diġa' ngħad qabel, il-provi tal-Prosekuzzjoni ffokaw fuq l-*extra duties* li kienu jinħadmu biex jinqdew l-esiġenzi ta' Transport Malta u Infrastructure Malta. Dwar l-element tal-ingann b'rabta mal-*extra duty* li kien jinħadem speċifikatament fuq talba ta' dawn iż-żewġ entitajiet, il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Il-Prosekuzzjoni esebiet u għamlet riferenza għal email mibgħut fit-23 ta 'Awwissu 2019 mill-Ispettur Pierre Guido Saliba lil diversi uffiċjali tal-Pulizija fis-Sezzjoni tat-

[19] 'TM Msida' bejn 6 p.m. u 4 a.m. Mill-call profiles jirriżulta li l-imputat kien jinsab B'Kara u San Pawl u Rabat bejn is-7 p.m. u d-9.30 p.m. Fil-fatt, l-imputat ma kienx xogħol dakinhar u ma kien allokat ebda extra duty skont id-detail tat-8 ta' Awwissu 2019.

[20] Skont id-detail, l-extra duty ġie deskritt bħala 'Extra TM Insp. Rush Hours'. Mill-call profiles, l-imputat kien jinsab Ħal Tarxien.

[21] L-extra duty ġie deskritt fid-detail bħala 'VAT – Valletta'. L-imputat jidher li kien jinsab San Pawl.

[22] L-extra duty ġie deskritt fid-detail bħala 'MFA Golden Sands' bein 4 p.m. u 10 p.m. L-imputat, fis-7.30 p.m., kien jinsab Ħal Tarxien.

[23] Fid-detail, l-extra duty ġie deskritt: 'Extra Duty with Galletta Constr. At Triq is-Sirk, Swieqi (2 p.m. – 7 p.m.) L-imputat kien xogħol 1st Watch sas-2.30 p.m. u mill-call profiles jirriżulta li kien jinstab Ħal Tarxien u B'Kara u mhux San Ġiljan.

[24] Detail: 'Extra MTV 2019 Floriana 4 p.m. onwards'. Mill-call profiles l-imputat jidher li kien jinsab l-Isla.

[25] Paġna 426 sa 429 tal-atti proċesswali.

Traffiku[26], fosthom l-imputat, fejn tahom struzzjonijiet biex meta jkunu xogħol *extra duty* ma' Transport Malta, ma jitbiegħdux mill-post speċifikat bħala *fixed point*. Dan in sostenn tat-teżi tagħha li dawk l-istanzi fejn l-imputat instab li ma kienx fil-post speċifikat fid-*detail* dwar *extra duty* ta' Transport Malta, ma jistgħux jiġu ġustifikati bl-iskuża li kien idur fl-akkwati biex jikkontrolla t-traffiku. Madankollu, il-Qorti tosserva li l-istruzzjonijiet in diżamina ngħataw tabilħaqq in konnessjoni ma' "*extra duty with IM-TM at Marsa lights*" fejn skont id-*detail* l-*extra duty* kellu jinħadem bħala "*fixed point mat-traffic lights tal-Marsa"* biss. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti dan id-dokument ma jgħoddx bħala prova li l-imputat ma kienx obda l-istruzzjonijiet tas-superjuri tiegħu meta kien assenjat *extra duty* li skont id-detail kellu jinħadem b'mod ġeneriku bħal '*Extra TM*'[27], '*Extra IM Insp. Rush Hours*'[28], '*Extra TM Insp. Rush Hours*'[29]. Fil-fatt, il-provi juru li l-*extra duty* konsistenti f' "*Extra TM*" – fejn l-uffiċjal tal-Pulizija kien mistenni jagħmel ronda tat-toroq fiż-żona formanti parti mill-proġett tal-Marsa u jassisti l-*flow* tat-traffiku fejn meħtieġ - huwa ferm distint minn dak l-*extra duty* konsistenti f'*fixed duties* u għalhekk, il-fatt li l-imputat seta' kien qed jiċċaqlaq minn post għal ieħor bil-mutur tiegħu matul il-ħinijiet tal-*extra duties* li ma jkunux *fixed duties*, per eżempju mat-traffic lights tal-Marsa, mhux prova tajba u sodisfaċjenti li l-imputat skarta minn xogħolu u li konsegwentement, id-dikjarazzjonijiet tas-sigħat ta' xogħol *extra duties* li dwarhom ġie mitlub ħlas mill-klient, huma foloz.

Huwa minnu li Clint Axisa, rappreżentant ta' Transport Malta, xehed li ta' sikwit ma kien ikun hemm ebda uffiċjal tal-Pulizija fil-post speċifikat fl-istruzzjonijiet mogħtija minn Transport Malta, iżda din ix-xhieda hi wisq ġenerika u ma tagħmel ebda riferenza għall-imputat jew għall-ġranet/ħinijiet meta kien jaħdem *shifts* ta' *extra duty* għall-esiġenzi ta' Transport Malta. Barra dan għandu jingħad illi fl-uniku każ fejn l-

[26] Ara xhieda ta' Timothy Zammit, 19 ta' Novembru 2020 u Dok. LB11, paġna 216 tal-atti tal-kawża.

[27] 14 ta' Novembru 2019.

[28] 18 ta' Marzu 2019.

[29] 23 ta' Frar 2019, 21 ta' Frar 2023 u 8 ta' April 2019.

*extra duty* allokat lill-imputat kien ta' "*fixed duties*"[30] iżda mill-provi jirriżulta li ma kienx stazzjonat fil-post speċifikat, il-fatt li seta' ma obdiex l-ordnijiet tas-superjuri tiegħu jew l-istruzzjonijiet tal-klient ma jsarrafx fi ħtija għar-reat ta' frodi[31].

In kwantu, imbagħad, l-*extra duties* dettaljati bħala "*Extra TM*", speċjalment id-*details* fejn l-*extra duty* kien jiġi deskritt bħala '*Extra IM Insp. Rush Hours*' u '*Extra TM Insp. Rush Hours*', mingħajr indikazzjoni li l-imputat kellu jkun stazzjonat f'post speċifiku ("*fixed duties*"), dawn jikkonfortaw il-verżjoni tal-imputat fl-istqarrijiet tiegħu li din ix-xorta ta' *detail* kien jikkonsisti f'*patrols* regolari maż-żona kollha tal-proġett u mhux *fixed duty* f'post ossia *junction* jew roundabout skont kif speċifikat fid-*detail*.

Kemm hu hekk, mix-xhieda ta' Frederick Azzopardi u d-dokumenti esebiti minnu, jirriżulta illi l-presenza ta' uffiċjali tal-Pulizija kienet espressament meħtieġa minn Transport Malta u Infrastructure Malta biex jimmonitorjaw il-*flow* tat-traffiku fl-inħawi tal-proġett tal-Marsa ("*Marsa junction Project*") u f'diversi żoni oħrajn fejn kien hemm *diversions* fit-toroq u kwindi t-tendenza li jinħoloq konġestjoni u kaos ta' traffiku minħabba t-twettiq tal-proġett tax-xogħolijiet. Proġett li ġie deskritt bħala "*l-ikbar proġett li qatt kellna*"[32], li kien qed jitwettaq ukoll f'waħda mill-iktar żoni strateġiċi tat-traffiku f'Malta fejn kuljum jgħaddi volum enormi ta' traffiku u minħabba t-twettiq tal-proġett, dan kien jeħtieġ devjazzjoni kontinwa minn din iż-żona lejn toroq sekondarji, fuq medda ta' sentejn jew iktar. Il-lokalitajiet differenti fejn kien meħtieġ preżenza ta' uffiċjali tal-Pulizija jirriżultaw mill-pjanti esebiti minn Frederick Azzopardi u kienu jinkludu Luqa, Santa Luċija, Gudja, Tarxien, Bulebel/Zejtun, Paola u l-viċinanzi ta' Ħal Qormi.

---

[30] L-uniku detail b'fixed duties li jinsab fil-mira tal-allegazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni huwa dak tas-17 ta' Settembru 2019: "*Fixed Duties with TM at Marsa Traffic Lights from 6am – 6pm (6am – 2pm PC 199 PC 328)*". Skont id-*detail* tal-extra duty l-imputat kellu jkun stazzjonat ħdejn it-traffic lights tal-Marsa iżda minflok jirriżulta li kien jinsab Kordin Hill, Super One, Paola, Tarxien - Ara *detail* u *extra duty* tas-17 ta' Settembru 2019, kif ukoll call profile Dok. LB3 u Dok. LB5.

[31] Alexandra Galea Sillato, li kienet detail officer fis-Sezzjoni tat-Traffiku wkoll xehdet illi ftit kienu l-okkażjonijiet meta Transport Malta kienet tindika l-post partikolari fejn kellu jkun stazzjonat l-uffiċjal tal-Pulizija li jagħmel l-extra duty, u dan skont kif jirriżulta wkoll mid-dokumenti bid-detail esebiti fl-atti.

[32] Ara xhieda ta' Clint Axisa, 20 ta' Jannar 2021.

Fil-fatt, Alexandra Galea Sillato, li kienet *detail officer* fis-Sezzjoni tat-Traffiku, xehdet illi ftit kienu l-okkażjonijiet meta Transport Malta kienet tindika l-post partikolari fejn kellu jkun stazzjonat l-uffiċjal tal-Pulizija li jagħmel l-*extra duty*, u dan skont kif jirriżulta wkoll mid-dokumenti tad-*detail* esebiti fl-atti.

L-istruzzjonijiet li ngħataw minn Infrastructure Malta fit-13 ta' Jannar 2020 ikomplu jaffermaw il-ħtieġa li l-uffiċjali tal-Pulizija dettaljati fuq *extra duty* jiċċaqalqu minn lokalita' għal oħra skont il-ħtieġa jew minħabba problemi ta' traffiku imprevisti f'żoni differenti. Skont dawn l-istruzzjonijiet: "*Police office who will cover the Marsa junction project area and its vicinity including, St. Lucia, Paola and Ħal Luqa area from 6am to 8pm*"[33] filwaqt li Transport Malta kienet tat struzzjonijiet lil Norman Xuereb kienu jinkludu stazzjonar ta' żewġ uffiċjali tal-Pulizija fil-junction ġewwa Santa Luċija kif ukoll "*patrolling of Triq Aldo Moro, Hamrun By-pass and adjacent roads on a daily basis*"[34].

Barra dan, Clint Axisa xehed[35] ukoll li Transport Malta kellha bżonn: "*uffiċjali tal-Pulizija patrolling maż-żona, static maż-żona ... Kien ikollna stazzjonati Pulizija l-aktar fiċ-ċentru tal-Marsa, fiċ-ċentru ta' Ħal Luqa, Ħal Tarxien, il-Gudja, Santa Luċija, dawk it-toroq kollha li jillidjaw għall-proġett tal-Marsa.*"

Dawn il-provi u xhieda, prodotti mill-Prosekuzzjoni nnifisha, jagħtu fejda lill-verżjoni tal-imputat illi meta r-riżultanzi tal-attivita' ċellolari reġistrata mill-mobile phone tiegħu juru li f'dawk l-okkażjonijiet meta kien dettaljat xogħol ma' Transport Malta ġewwa l-Marsa ('*Extra TM'* u '*Insp. Rush Hours*'), huwa kien jinsab fl-inħawi ta' Ħal Tarxien, 'Super One', 'Paola Chruch', Kordin Hill u Ħal Luqa, dan kien għaliex kienu qed idur fil-lokalitajiet li kienu jaqgħu fil-parametri taż-żoni milqutin bit-traffiku b'effett tal-proġett.

---

[33] Dok. FA9.
[34] Dok. FA8.
[35] Xhieda tal-20 ta' Jannar 2021.

Għalhekk, kollox magħdud, il-Qorti ma tistax teskludi jew ma tqisx bħala probabbli l-verżjoni illi l-imputat iċċaqlaq minn post għal ieħor waqt il-ħinijiet tal-*extra duty* tiegħu, minħabba struzzjonijiet li kienu jiġu mogħtijia lilu, kif del resto jirriżulta mix-xhieda ta' Frederick Azzopardi[36] u Clint Axisa jew għaliex kien fuq ronda (*patrol*)[37]. Dan ifisser illi l-prova li l-imputat ma ħadimx l-*extra duty* skont id-*detail* m'hijiex konklussiva għaliex il-preponderanza tal-provi turi illi x-xogħol dettaljat lill-imputat ma kienx ta' natura statika.

Ikkunsidrat;

Illi kollox magħdud, il-Qorti tqis illi l-unika prova li rnexxielha tressaq il-Prosekuzzjoni abbażi tal-*call profiles* u *data track records* assoċjati mal-imputat, huwa l-fatt illi l-imputat jista' jkun li mhux dejjem wettaq id-doveri tiegħu skont l-esiġenzi tal-klient, ma rrapportax għall-*extra duty* għall-ħin kollu skont id-*detail*, u jew ma baqax stazzjonat biss f'post wieħed meta kien assenjat *fixed duty*. Iżda dan il-fatt waħdu ma jikkostitwixxix mossa qarrieqa li biha l-imputat induċa lill-klient jew lill-Korp tal-Pulizija biex jikseb il-ħlas u lanqas jikkostitwixxi prova li l-imputat aġixxa jew aħjar, naqas milli jaġixxi, dolożament u bil-ħsieb deliberat li jinduċi fi żball u b'hekk iqarraq b'min kien sejjer fl-aħħar mill-aħħar iħallas għas-servizzi tiegħu.

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma seħħilhiex tipprova li l-imputat aġixxa b'mod qarrieqi, wisq inqas irnexxielha tipprova l-eżistenza ta' ness bejn xi aġir qarrieqi adoperat mill-imputat, u xi att (jew ommissjoni) tal-vittma (il-ħlas għall-*extra duty*).

---

[36] *"... aħna meta nċemplu u isma' għandna t-traffic hemmhekk, kienu jmorru"*.

[37] Xhieda tal-20 ta' Jannar 2021.

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma seħħilhiex tipprova li l-imputat aġixxa b'mod qarrieqi, wisq inqas irnexxielha tipprova l-eżistenza ta' ness bejn xi aġir qarrieqi adoperat mill-imputat, u xi att (jew ommissjoni) tal-vittma (il-ħlas għall-*extra duty*).

Fil-fatt, anke s-sistema kif kien jinħadem l-*extra duty* u jintalab il-ħlas mingħand il-klient, minnha nnifisha tkompli tnaqqax mill-prova dwar l-element tal-ingann ossia l-intenzjoni qarrieqa da parti tal-imputat: ma ntwerietx li l-imputat kien jirreklama l-ħlas ta' *extra duty* **wara** li kien diġa' jaf illi l-*extra duty* ma kienx ħadmu jew ma kienx ħadmu skont kif speċifikat fid-*detail*. Kif ġia' stabbilit, il-ħlas tal-*extra duty* kien jiġi mitlub permezz ta' fatturi maħruġin minn uffiċjali oħrajn tal-Pulizija abbażi tad-dokument tad-*detail* u mingħajr prova li dawn il-fatturi kienu jinħadmu wkoll abbażi ta' xi dikjarazzjoni, konferma jew dokument ieħor magħmul *ex post facto* mill-uffiċjali tal-Pulizija li jkunu ħadmu l-*extra duty* fil-perijodu relattiv.

Magħdud dan il-fatt illi l-klient seta' faċilment u liberament jistabbilixxi li s-servizz ma kienx qed jiġi prestat jew ma kienx imwettaq skont l-istruzzjonijiet u konsegwentement joġġezzjona għall-ħlas u jirrifjuta li jħallas. Fil-fatt, kif xehdu Clint Axisa u Frederick Azzopardi, mhux l-ewwel darba li kienu nnotaw huma personalment li l-uffiċjali tal-Pulizija li kellhom ikunu stazzjonati fil-junction jew roundabout partikolari skont il-ftehim, ma kienux hemmhekk u kienu jiġibdu l-attenzjoni tal-Ispetturi inkarigati mit-Taqsima tat-Traffiku fir-rigward. Madanakollu, mill-provi huwa stabbilit illi l-ħlas dejjem sar u Infrastructure Malta, li kienet inkarigata bil-ħlas tal-invoices[38], qatt ma rrifjutat li tħallas għas-servizz.

Huwa stabbilit ukoll mill-provi illi d-*detail* kien jinħadem, jitħejja u jintbagħat kuljum minn PS 83 Alexandra Galea Sillato, lill-Control Room tal-Pulizija. Minn dan il-Qorti fehmet illi l-mod kif kien jiġi mqassam l-*extra duty*, kompriż fejn dan kien jiġi

[38] Ara xhieda ta' Clint Axisa, 20 ta' Jannar 2021.

assenjat waqt il-ħin tax-*shift* normali tax-xogħol tal-imputat[39], ma kienx fatt mistur mill-Korp tal-Pulizija li, s'intendi, kien jew kellu jkun pjenament konsapevoli dwar xi anomalitajiet fit-tqassim tal-*extra duty*[40]. Mix-xhieda ta' Alexandra Galea Sillato, id-*detail officer* tas-sezzjoni tat-Traffiku fiż-żmien tal-akkużi, il-Qorti fehmet illi din l-anomalija kienet dovuta wkoll għall-fatt illi ma kienetx dejjem issib uffiċjali fit-Taqsima tat-Traffiku li kienu *off-duty* jew bil-*leave* jew disposti jaħdmu sigħat estiżi ta' *extra duty*, biex tassenjalhom *extra duty* biex jinqdew l-esiġenzi ta' Transport Malta għal *extra duty* "*konna qisna ballun f'idejhom*"

Fil-fatt, minn eżami tal-'Whatsapp group chats' li ġew estratti minn diversi mobile phones mill-espert Alvin Cardona, kontenuti fil-hard drive Dok. AC1, il-Qorti nnotat illi l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu jiġu assenjati *extra duty* meta kienu xogħol *first watch* jew *second watch* fl-istess ħin, diversi drabi esklamaw dwar din l-anomalija u ma jirriżultax illi din kienet issir b'xi kompliċita' mad-*detail officer* jew ma' min kien jieħu ħsieb il-ħlas tal-*extra duty*.

Minn dawn l-istess 'Whatsapp group chats', jirriżulta wkoll illi diversi uffiċjali tal-Pulizija kienu jitolbu lil xulxin biex jibdlu l-*extra duty* li jkun ġie lilhom assenjat fid-*detail* meta għal xi raġuni jew oħra ma setgħux jaħdmuh, iżda ma hemm xejn x'juri li dan kien isir b'xi skop ta' qerq u żgur dan ma jfissirx li l-*extra duty* ma kienx jinħadem jew li kien jinħadem minn xi uffiċjal tal-Pulizija li kien xogħol fl-istess ħin tal-*extra duty* kif ġie allegat mill-Prosekuzzjoni[41].

Madankollu, tosserva wkoll li dawn il-messaġġi nstabu u ġew estratti minn mobile phones li ma jappartjenux lill-imputat (MOB 41[42]) u li ma ġewx esebiti, la materjalment u lanqas formalment, fl-atti proċesswali. L-uniku *mobile phone* u device li ġie esebit fl-atti proċesswali huwa dak appartenenti lill-imputat odjern, Matthew

---

[39] Mill-provi jirriżulta li kien hemm tliet istanzi fejn l-imputat ħadem *extra duty* matul il-ħin tal-First Watch: fit-30.4.2019 (Elbros St Julian's 2pm till 5pm – 1st Watch spiċċa fis-2.30 pm); fid-9.5.2019 (Galletta Const. at Triq is-Sirk, Swieqi, St. Julian's 2pm till 7pm – 1st Watch spiċċa fis-2.30 pm) u fl-14.11.2019 (Extra TM Marsa (2pm till 10pm - 1st Watch spiċċa fis-2.30pm).
[40] Ara xhieda ta' Justin Camilleri, 25 ta' Frar 2021 u Dok. JC1.
[41] Ara xhieda tal-Ispettur Bernard Bunce.
[42] Ara Dok. AC2, paġna 451 tal-atti proċesswali u xhieda tal-Ispettur Lianne Bonello.

Azzopardi, liema mobile phone madankollu ma setax jinfetaħ. Alvin Cardona kkonkluda hekk fir-relazzjoni tiegħu Dok. AC2 fir-rigward Dok. MOB41:-

"*Dan is-sett ma kienx possibbli li l-kontenut tiegħu jiġi aċċessat minħabba li l-mod biex jinfetaħ ma ġiexipprovdut. Metodi alternattivi ġew pruvati bla suċċess.*"

Il-Qorti tqis li ma tistax tagħti piż probatorju lil data li jkun insilet jew jifforma parti minn apparat li ma jkunx ġie esebit bħala parti mill-provi proċesswali, u din il-konsiderazzjoni tgħodd ugwalment għall-messaġġi, immaġini u komunikazzjonijiet l-oħra kollha kontenuti fil-hard drive Dok. AC1, billi dawn evidentement ma ġewx estratti mill-mobile phone tal-imputat (MOB 41), iżda minn devices li m'humiex fost l-esebiti li għandha quddiemha l-Qorti f'din il-kawża.

Il-Prosekuzzjoni naqset ulterjorment milli tressaq prova li l-imputat kellu xi involviment fil-proċess tal-ħlas ta' xogħol *extra duty* f'każijiet fejn parti minnu jkun inħadem waqt ix-*shift* normali, biex il-pagament minflok ma jibqa' għand il-Korp tal-Pulizija kif xehed l-Ispettur Bernard Bunce, jiġi mdawwar lill-imputat u perċepit minnu.

Din il-prova kienet essenzjali għal sejbien ta' ħtija ta' kompliċita' fi frodi għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija kif ġie mfisser mill-Ispettur Bernard Bunce fix-xhieda tiegħu.

B'żieda mal-premess, għandu jingħad illi f'dawk it-tliet istanzi fejn l-imputat ġie dettaljat xogħol ta' *extra duty* waqt il-ħin normali tax-xogħol skont ix-*shift*, il-Qorti ma riskontrat ebda prova li din is-sistema, jekk tassew kienet irregolari u intiża biex tqarraq bil-Korp tal-Pulizija jew l-individwu jew entita' li talbet għas-servizz, kienet issarraf attwalment fi qligħ indebitu lill-imputat, għaliex il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-imputat ġie mħallas doppjament fl-imsemmija tliet okkażjonijiet[43] għal

[43] 30.4.2019, 9.5.2019 u 14.11.2019,

dik in-nofs siegħa li jkun ħadem l-*extra duty* waqt il-ħin tax-*shift* normali (bejn 2.00 p.m u 2.30 p.m.)[44]

Għandu jingħad ukoll illi l-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipprova illi f'dawk l-okkażjonijiet fejn l-imputat ma resaqx fuq il-post tal-*extra duty* fil-ħinijiet allokati, huwa kien ftiehem ma' uffiċjal ieħor tal-Pulizija li kien xogħol fl-istess ħin (*first watch* jew *second watch*), biex jagħmel ix-xogħol ta' *extra duty* minfloku, u xorta waħda rċieva l-ħlas. Għalkemm huwa minnu fit-30 ta' April 2019 l-imputat bagħat messaġġ fuq 'Whatsapp group chat' li nstab fuq device imsejjaħ 'MOB14' fil-hard drive Dok. AC1, biex isib min seta' jaħmdimlu l-*extra duty* li kien skedat li jaħdem il-Ħamis ta' wara, minħabba impenni personali li nqalgħu fl-istess ġurnata, ma hemmx prova li tassew dan l-*extra duty* inħadem minn xi ħaddieħor minfloku u li ma kienx għamel arranġamenti biex jinħeles mill-impenn personali[45]. Jekk arranġament bħal dan tassew seħħ, ma nġiebet ebda prova li l-imputat kien involut jew qatt għamel ftehim bħal dan ma' xi uffiċjal ieħor tal-Pulizija u f'kull każ, kif diġa' ngħad, id-*device* li minnu ġew estratti dawn il-messaġġi ma ġiex esebit fl-atti proċesswali u kwalunkwe komunikazzjonijiet li jimplikaw lill-imputat fi ftehim bħal dak li ġie allegat mill-Prosekuzzjoni, ma fihomx valur probatorju.

F'dan il-kaz għalhekk l-element essenzjali għall-kummissjoni tar-reat tat-truffa u ċioe' illi bl-aġir tiegħu, il-frodist induċa lill-vittma fi żball li permezz tiegħu il-vittma għamel jew naqas milli jagħmel xi haga bil-konsegwenza li ssofri telf patrimonjali, bi qligħ korrispondenti ghall-agent, indubbjament ma jissussistix għaliex mhux ippruvat li l-imputat wera ħaġa b'oħra biex iġiegħel lill-Korp jew lill-klient jemmen li s-servizz

[44] Fil-fatt ma hemm ebda prova fl-atti proċesswali li turi s-salarju bażiku tiegħu ma kienx imnaqqas proporzjonalment skont in-nofs siegħa ta' *extra duty* maħdum waqt il-ħin tax-*shift* normali tax-xogħol u li huwa rċieva ħlas għal dik in-nofs siegħa tax-*shift* ordinarju kif ukoll għall-*extra duty* maħdum fl-istess ħin tax-*shift*.

[45] *30/04/2019, 15:08 - Pc328 Matthew: Jekk xi hadd jista jaghmilli l'extra tal Hamis filodu napprezza, ma nistax immur ghax ghandi appuntament bit tifel.*
*30/04/2019, 16:09 - Sm888: Xghandek Mat*
*30/04/2019, 16:26 - Pc328 Matthew: B'kara rd, elbros.*
*30/04/2019, 16:32 - Pc328 Matthew: Thank u Maggur, irrangajt ghax baghtuli issa.*
*30/04/2019, 17:02 - Sm888: Ma nistax ghax bil qorti 10.30 am.*

kien ingħata kif imiss. Lanqas jirriżulta li gideb lil xi ħadd biex abbażi ta' xi mensonja jinħareġ invoice għall-ħlas.

Iżda dan iwassal lill-Qorti biex tagħmel ukoll is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar in-nuqqas ta' prova dwar element ieħor essenzjali tar-reat ta' truffa.

Ikkunsidrat;

Illi anke jekk, għal mument, kellu jiġi aċċettat li hu riskontrabbli prova ta' ingann da parti tal-imputat odjern, li permezz tiegħu għamel qligħ illegali, f'kull każ huwa kompletament mankanti l-prova illi dan l-ingann jew falzita' asserita minnu sarrfu f'telf patrimonjali korrispondenti bi ħsara għas-soġġett passiv tar-reat. Jirriżulta mill-provi proċesswali illi s-sistema tal-*extra duty* kienet tinħadem billi l-klienti, fosthom Infrastructure Malta u Transport Malta iżda wkoll individwi u entitajiet oħrajn, kienu jitolbu għal servizz ta' uffiċjal tal-Pulizija biex jaħdmu *extra duty* skont l-esiġenzi tagħhom u kienu jħallsu lill-Korp tal-Pulizija abbażi tal-fatturi li kienu jinħarġu mill-istess Korp għas-servizzi reżi skont ir-rati maqbula bejniethom. L-uffiċjal tal-Pulizija li kien jaħdem l-*extra duty* imbagħad kien jitħallas għall-*extra duty* mill-Korp tal-Pulizija skont ir-rata fis-siegħa kif stabbilit fil-ftehim kollettiv applikabbli f'każ ta' *extra duty*.

Għall-Qorti dan ifisser illi jekk kien hemm xi telf patrimonjali soffert b'riżultat ta' xi qerq ipperpetrat mill-imputat konsistenti fi skartar mix-xogħol ta' *extra duty*, dan it-telf sofrih il-klient li jkun ħallas għal servizz mhux ipprestat jew mhux imwettaq kif imiss, u mhux il-Korp tal-Pulizija li jkun ħallas lill-uffiċjal tal-Pulizija, f'dan il-każ l-imputat, mill-fondi mħallsin mill-klient. Il-Korp tal-Pulizija f'każijiet bħal dawn, huwa l-kuntrattur li jkun ipprovda s-servizz u jkun għamel ukoll, kif del resto jirriżulta mill-atti proċesswali, profitt għalih innifsu mill-provviżjoni tas-servizz tal-impjegati tiegħu.

Iżda Frederick Azzopardi xehed li Infrastructure Malta ma sofra ebda telf jew dannu b'riżultat ta' xi nuqqasijiet fis-servizz prestat mill-imputat u kkonferma illi s-servizz mogħti mill-Pulizija lil Infrastructure Malta kien wieħed tajjeb sija bħala kwalita' ta' xogħol imwettaq kif ukoll rati tal-ħlas tant illi qatt ma talab rimbors ta' xi flus li ġie mħallas lill-Korp tal-Pulizija għas-servizz ta' extra duties għaliex is-servizz li ma kienx ingħata. Fil-fatt, ikkonferma fix-xhieda illi Infrastructure Malta dejjem ħallset l-invoices kollha li kienu jinħarġu mill-Korp tal-Pulizija għas-servizzi ta' *extra duty* reżi fuq talba tagħha u ta' Transport Malta u qatt ma ntalab ir-rifużjoni ta' xi pagament.

Kif ingħad diġa', il-ħlas tal-*extra duty* kien isir abbażi ta' invoices maħruġa in segwitu għall-prestazzjoni tas-servizz tal-*extra duty* u jekk il-klient ħass li ma kienx ingħata servizz kif imiss seta' jirrifjuta li jħallas. Fil-fatt, il-Qorti tistenna illi jekk tassew is-servizz rikjest mill-klient ma kienx ingħata, jew ma kienx qed jingħata fuq bażi sistematika, il-klient kien iwaqqaf is-servizz, jirrifjuta li jħallas jew, *de mininis*, jilmenta mal-Kummissarju tal-Pulizija[46]. Iżda mill-provi jirriżulta li s-servizz baqa' jiġi mitlub minn Infrastructure Malta u Transport Malta konsistentement fuq medda ta' iktar minn sentejn mingħajr rapporti formali dwar nuqqasijiet sistematiċi fil-prestazzjonijiet u baqa' wkoll jiġi mħallas regolament, filwaqt li fil-każ tal-klient oħrajn, jirriżulta li dawn kienu ħallsu għas-servizz għaliex l-imputat irċieva s-sehem tal-ħlas dovut lilu[47].

Huwa minnu li Clint Axisa xehed illi f'diversi okkazzjonijiet kellu jċempel lis-Superintendent Walter Spiteri biex jilmenta li minkejja l-istruzzjonijiet kuntrarjament għal dak li jkun ġie maqbul, l-uffiċjali tal-pulizija ma kienux preżenti biex

[46] Mix-xhieda ta' Frederick Azzopardi jirriżulta illi kien hemm tliet każijiet biss fejn ġew riskontrati nuqqasijiet mill-Pulizija li kienu dettaljati fuq xogħol ta' Transport Malta jew Infrastructure Malta; każ minnhom fejn huwa stess kien irrapporta li ma kienx hemm Pulizija mar-roundabout tad-Dinitrol skont l-istruzzjonijiet li kienu ngħataw. Iżda għall-bqija, ma jaf b'ebda każ ieħor fejn l-istruzzjonijiet ma ġewx obduti jew is-servizz mitlub ma ngħatax.

[47] Ħadd mill-klienti (ħlief għal Transport Malta u Infrastructure Malta) li talbu għas-servizz ta' uffiċjal tal-Pulizija iżda qed jiġi allegat mill-Prosekuzzjoni li s-servizz, li kien dettaljat lill-imputat bħala voluntary *extra duty*, ma kienx ingħata – fosthom il-Kunsill Lokali Santa Venera, Galletta Construction u MTV 2019, ma xehdu quddiem il-Qorti biex jikkonfermaw li s-servizz ma ngħatax u jekk kienux ilmentaw mal-Korp tal-Pulizija li kienu ħallsu għal servizz li ma ġiex ipprovdut.

jimmaniġjaw it-traffiku fil-postijiet miftiehma u kienu jiġu biss wara. Madankollu, ix-xhud mhux biss ma setax jgħid li l-uffiċjali tal-Pulizija kienu qed jiskartaw u ma indika l-ebda data partikolari jew episodju li l-Qorti tista' tasal għall-konkluzjoni li l-imputat kien wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizia li kien qed jaħdem *extra duty* f'dawn l-okkażjonijiet, iżda wkoll imkien ma xehed illi ma riedx iħallas għas-servizz jew ta struzzjonijiet biex jintalab rifużjoni ta' xi pagament li sar fir-rigward.

Imbagħad, in kwantu l-klienti l-oħrajn li kienu talbu għal servizz ta' uffiċjal tal-Pulizija fejn il-Prosekuzzjoni tallega li l-imputat, li kien dettaljat l-*extra duty* relattiv[48], ma kienx fuq il-post speċifikat fid-*detail* fejn kellu jinħadem l-*extra duty* (fixed duties), il-Qorti tosserva illi għalkemm tassew mill-*call profile data* jirriżulta li f'ċertu ħin jew ħinijiet l-imputat kien band'oħra, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq lill-individwu jew rappreżentant tal-entita' kkonċernat biex jikkonfermaw li s-servizz ma kienx ingħata jew kien hemm biss uffiċjal wieħed tal-Pulizija meta kien intalab is-servizz ta' żewġ uffiċjali. F'kull każ, dawn il-klienti aċċettaw li jħallsu għas-servizz, għaliex jirriżulta li l-imputat irċieva l-pagament relattiv.

Il-korollarju ta' dan hu, inevitabbilment, li hu mankanti l-element tat-telf patrimonjali għas-soġġett passiv tar-reat b'riżultat tal-qerq eżerċitat mill-awtur tar-reat ta' frodi ("*bi ħsara ta' ħaddieħor*"). Kif stabbilit qabel, ir-reat ta' frodi jeħtieġ l-eżistenza ta' ħsara ekonomika lis-soġġett passiv u f'dan il-każ, il-Qorti tistenna illi jekk tassew is-soġġett passiv sofra telf patrimonjali, dan jiġi ppruvat bix-xhieda tal-istess soġġett passiv. Iżda fil-każ li għandha quddiemha, l-uniku vittma potenzjali tar-reat li xehed quddiem il-Qorti, Frederick Azzopardi, afferma li Infrastructure Malta ma sofriet ebda danni u qatt ma ħass li kellu jitlob ir-rifużjoni ta' xi ħlasijiet li wettaq lill-Korp tal-Pulizija għas-servizz provdut stante illi huwa kien sodisfatt bis-servizz.

Dan ifisser li jonqos ukoll il-prova tal-element materjali ta' qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor.

---

[48] 21 ta' Marzu 2019 (VAT, Tirrenia), 22 ta' Marzu 2019 (MFA, Radisson Golden Sands) u 24 ta' Marzu 2019 (Edwin Races, Marsascala).

Il-Korp tal-Pulizija nnifsu ma jistax jitqies li huwa s-soġġett passiv tar-reat jew li sofra xi telf patrimonjali b'riżultat tan-nuqqasijiet tal-uffiċjali tiegħu, għaliex m'hemm ebda prova li l-Korp ġie mitlub jirrimborsa jew effettivament irrifonda lill-klienti tiegħu xi ħlasijiet li perċepixxa minn Infastructure Malta[49] għas-servizz ta' *extra duties*. In kwantu għall-allegat ħlas doppju li ġie perċepit mill-imputat meta ħadem l-extra duties waqt il-ħin tax-xogħol ordinarju tiegħu, il-Prosekuzzjoni ma ġabitx prova dwar il-ħlas tas-salarju tiegħu, prova li kienet essenzjali biex jintwera li l-imputat għamel gwadann illegali permezz ta' pagament doppju.

In konklużjoni, il-Qorti tosserva illi jekk il-provi proċesswali, fosthom id-datatrack locations tal-mutur assenjat lill-imputat[50] u l-localisations tat-telefon ċellulari tal-imputat[51], juru illi l-imputat ġie mħallas indebitament għaliex kien skarta jew naqas milli jeżegwixxi d-doveri dettaljati lilu fuq bażi ta' *extra duty* jew ġie mħallas doppjament, dan jagħti lok għal jedd ta' azzjoni ċivili għar-rifużjoni ta' ħlas għal servizz li ma ġiex ipprestat bi ksur tal-obbligu kontrattwali relevanti. Mingħajr, iżda, provi addizzjonali li jistabbilixxu wkoll li l-imputat għamel dan il-qligħ b'riżultat ta' qerq u ingann adoperat minnu, il-prova waħedha ta' skartar minn fuq il-post tax-xogħol mhux biżżejjed għal sejbien ta' ħtija għar-reat ta' frodi.

Għaldaqstant, dan kollu magħdud hija l-fehma tal-Qorti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova kif imiss diversi elementi tar-reat ta' truffa, u għalhekk ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għar-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi jmiss li tiġi trattata l-kwistjoni tal-ħtija o meno tal-imputat għar-reat ta' qligħ b'qerq, jew frodi nnominata taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9. L-elementi essenzjali tar-

[49] Mix-xhieda jirriżulta li Infrastructure Malta kienet tħallas ukoll għal extra duty li jkun ġie mitlub għan-nom ta' Transport Malta wkoll.
[50] Bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP 718.
[51] Ara xhieda ta' Charmaine Zammit in rappreżentanza ta' Vodafone Limited – xhieda tal-14 ta' Settembru 2020.

reat ta' truffa u r-reat ta' frodi nnominata huma identiċi u huma biss il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mir-reat minuri. Filwaqt li kif rajna diġa', ir-reat ta' truffa jeħtieġ l-użu ta' apparat estern konsistenti f'raġġiri jew artifizzji li jsaħħaħ il-kredibbilita' tal-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur, ossia l-messa in xena, fir-reat minuri taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9 ir-"raggiri" jew l-"artifizji" m'humiex fost l-elementi kostituttivi tar-reat u allura anke gidba semplici hija biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, basta li din tkun saret bi ħsieb frawdolenti u twassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba[52].

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[53] riteniet-

"*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*"

Kif diġa' ġie stabbilit fil-konsiderazzjonjiet li saru għall-fini tal-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, hija nieqsa l-prova fil-grad meħtieġ fil-kamp kriminali għas-sejbien ta' ħtija għal reat kriminali, dwar l-element tal-ingann. Kif diġa' ġie stabbilit, il-fatt illi l-imputat jista' jkun li ma ħadimx is-sigħat kollha tal-*extra duty* li għalihom ġie mħallas, għalkemm jista' jfisser li kien qed jiskarta mix-xogħol, m'huwiex biżżejjed biex jiġi ppruvat l-element tal-ingann meħtieġ għal sejbien ta' ħtija għar-reat ta' qligħ b'qerq. Inoltre, għalkemm jista' jkun

---

[52] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 30.12.2004.
[53] Deċiża 9 ta' Ġunju 1998.

illi saru dikjarazzjonijiet mhux għal kollox veritieri jew korretti fl-*invoices* ippreżentati għall-ħlas lill-klient, in kwantu l-ammont ta' sigħat maħduma fuq bażi ta' *extra duty*, ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement in-ness bejn dawn id-dikjarazzjonijiet u l-imputat. Ma ġiex ippruvat lanqas l-element tat-telf lill-vittma u n-ness bejn dan it-telf u xi ingann perpetrat mill-imputat: kif ġie abbundantement stabbilit, ma ntweriex li l-klienti li talbu għas-servizz ta' *extra duty* bi ħlas, qatt ilmentaw mal-Korp tal-Pulizija li ġew imqarrqa u jew talbu r-rifużjoni ta' xi pagament li ġie effettwat lill-Korp fir-rigward. Fuq kollox, ma ġiex ippruvat li l-imputat irċieva pagament in eċċess ta' dak li kien dovut lilu in kwantu dawk l-istanzi fejn l-ewwel nofs siegħa tal-*extra duty* kien jaħbat waqt il-ħin normali tax-xogħol tiegħu.

Għalhekk, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tar-reat minuri ta' frodi taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9, addebitat fit-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bħala "*kompliċi ta' dikjarazzjonijiet foloz jew tagħrif falz lil awtorita' pubblika kif ukoll kompliċi tal-użu tal-istess dikjarazzjonijiet foloz.*"

B'dan il-Qorti fehmet illi l-imputat qed jiġi mixli b'kompliċita' fir-reat imsejjaħ "*dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorita' pubblika*" taħt l-artikolu 188 tal-Kap. 9, li jipprospetta ħtija f'kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz. Jidher ukoll li fit-tfassil ta' din l-imputazzjoni il-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat ukoll ir-reat taħt l-artikolu 189 tal-Kap. 9, safejn jikkonċerna l-użu ta' xi dokument ieħor falsifikat[54].

[54] Ir-reat taħt l-artikolu 188(1) tal-Kap. 9 jeħtieġ ukoll il-prova li d-dikjarazzjonijiet foloz magħmula mill-awtur tar-reat, jew it-tagħrif falz mogħti fid-dokument, kienu maħsuba biex jinkiseb xi vantaġġ għalih innifsu iżda l-Prosekuzzjoni, fit-tfassil tat-tielet imputazzjoni, naqset milli tirriproduċi l-kliem relevanti tal-artikolu 188 tal-Kap. 9.

Il-Qorti, kif ġie kkunsidrat aktar qabel, tqis illi mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement li l-imputat għamel dikjarazzjoni falza jew ta tagħrif falz dwar il-ħidma tal-*extra duties* li kienu dettaljati lilu. Dan qed jingħad għaliex ma nġiebet ebda prova li l-imputat kien jagħmel dikjarazzjonijiet foloz dwar il-ħin li jkun irrapporta għax-xogħol u jew il-ħin li ma baqax iwettaq id-dmirijiet ta' *extra duty*, inkluż f'xi dokument, li abbażi tagħhom kien jiġi komputat l-ammont dovut mill-klient li jkun talab għall-*extra duty*. Minn ezami tal-provi proċesswali l-Qorti fehmet illi skont is-sistema li kienet titħaddem fir-rigward tal-extra duty, il-fattura għall-ħlas li kienet tinħareġ in segwitu għall-prestazzjoni tas-servizz, kienet tinħareġ mhux mill-imputat iżda minn terzi mingħajr, iżda, ma ġie ppruvat kif imiss li dan sar jew kien isir bil-kompliċita' tal-imputat Matthew Azzopardi skont kif maħsub fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 42 tal-Kap. 9. Kif diġa' ġie stabbilit, ma jirriżultax li l-imputat kellu ebda involviment fil-ħruġ tal-fatturi għall-ħlas tal-extra duty, anke dawk li qed jiġi allegat li kien fihom dikjarazzjonijiet foloz jew tagħif falz dwar il-ħinijiet ta' ħidma ta' *extra duty*.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati għar-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kap. 9 u lanqas tar-reat konsistenti fl-użu ta' dokument falsifikat taħt l-artikolu 189 tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi kollha, ma ssibx lil MATTHEW AZZOPARDI ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u konsegwentement, tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**